



Brussell, 10 ta' Diċembru 2021  
(OR. en)

14441/21

POLGEN 191

**NOTA**

---

|          |                                                                                                                        |
|----------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                       |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                          |
| Suġġett: | Immexxu l-Aġenda Strateġika 'l quddiem<br>Programm ta' 18-il xahar tal-Kunsill (1 ta' Jannar 2022 - 30 ta' Ġunju 2023) |

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-programm ta' 18-il xahar tal-Kunsill, imħejji mill-Presidenza futura Franċiża, dik Ċeka u dik Żvediża u mir-Rappreżentant Għoli, President tal-Kunsill Affarijiet Barranin.

**Il-programm****I. INTRODUZZJONI**

It-tliet Presidenzi - Franza, ir-Repubblika Ċeka u l-Iżvezja - ser jistinkaw biex isibu soluzzjonijiet komuni għall-isfidi u l-kompiti tal-ġejjieni. Il-kriżi pprovokata mill-pandemija tal-COVID-19 tikkostitwixxi sfida mingħajr preċedent. It-triju ser jagħmel dak kollu li hu meħtieġ biex l-Unjoni tkun tista' tegħleb ix-xokk ekonomiku u soċjali. Dan ser jinkiseb billi jiġi implimentat il-Pjan ta' Rikupru, b'mod partikolari permezz ta' investiment fit-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, ir-rivitalizzazzjoni tas-Suq Uniku, it-tisħiħ tar-reżiljenza, il-kompetittività kif ukoll il-konverġenza tal-UE, u l-iżgurar tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika f'konformità mar-ritmu u s-saħħa tal-irkupru biex tissaħħaħ l-Unjoni Ewropea, inkluż l-Unjoni Ekonomika u Monetarja. F'dak l-isforz, it-triju huwa determinat ukoll li jħares id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u li jiddefendi l-valuri tal-Unjoni.

Il-prijoritajiet stabbiliti fl-Aġenda Strateġika għall-2019-2024 jibqgħu għalkollox rilevanti. Fl-istess ħin, il-pandemija u l-konsegwenzi tagħha saħħew u aċċelleraw uħud mill-isfidi li l-UE trid tagħti rispons għalihom. It-triju għaldaqstant ser jagħmel ħiltu biex jindirizzahom kollha.

Fost l-isfidi li feġġew, is-saħħa jistħoqqilha attenzjoni partikolari. Il-pandemija attwali enfasizzat il-ħtieġa għal Unjoni Ewropea tas-Saħħa b'saħħitha u koordinazzjoni mtejba fil-livell tal-UE f'dan il-qasam: it-theddid għas-sistemi tas-saħħa tal-Istati Membri jista' jkollu implikazzjonijiet transkonfinali sinifikanti.

It-triju jqis ukoll li huwa importanti li jingħata impetu ġdid lir-relazzjonijiet mas-sħab strateġiċi, fosthom is-sħab tranżatlantiċi tagħna u l-qawwiet emerġenti. Dawn ir-relazzjonijiet huma komponent ewlieni ta' politika barranija robusta.

It-tliet Presidenzi ser jaħdmu wkoll għal Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) aktar b'saħħitha u orjentata lejn ir-riżultati permezz tal-approvazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Boxxla Strateġika.

### **Konferenza dwar il-futur tal-Ewropa**

Imnedija fid-9 ta' Mejju 2021 fi Strasburgu, il-konferenza dwar il-futur tal-Ewropa tagħti opportunità unika liċ-ċittadini biex isemmgħu leħinhom dwar dak li huwa importanti għalihom. Ser tagħti spazju għdid għal dibattitu maċ-ċittadini biex jiġu indirizzati l-isfidi u l-prijoritajiet tal-Ewropa.

Il-panels nazzjonali u Ewropej taċ-ċittadini u l-laqgħat plenarji tal-konferenza dwar il-futur tal-Ewropa ser isiru għal kważi 10 xhur biex jitqiesu d-dibattiti u l-kontributi miċ-ċittadini, speċjalment miż-żgħażaġh, bil-għan li jitfasslu rakkomandazzjonijiet dwar il-politiki u l-ambizzjonijiet futuri tal-Unjoni. Fi ħdan il-bord eżekuttiv, Franza, ir-Repubblika Ċeka u l-Iżvezja ser jaħdmu flimkien biex il-konferenza tkun suċċess billi jippromwovu l-involviment taċ-ċittadini u b'hekk ċittadinanza aktar konkreta tal-Unjoni.

Fl-istess ħin, it-triju ser jiżgura li l-ambitu tal-ħidma tal-konferenza jirrifletti oqsma fejn l-Unjoni għandha l-kompetenza li tagħxi jew fejn l-azzjoni tagħha tkun għall-benefiċċju taċ-ċittadini tagħha.

Sa Marzu 2022, it-tliet Presidenzi, fir-rwol tagħhom bħala membri/osservaturi fil-bord eżekuttiv, ser jikkontribwixxu għar-rapport dwar l-eżiti tad-diversi attivitajiet u r-rakkomandazzjonijiet taċ-ċittadini. Fuq il-bażi tal-konklużjonijiet politiċi tal-konferenza, ser jibdew jimplimentawhom, kif xieraq.

### **Multilingwiżmu**

It-triju jqis essenzjali r-rispett għall-multilingwiżmu. Ser jiġu promossi l-multilingwiżmu, it-traduzzjoni u s-servizzi ta' interpretazzjoni, sabiex tiġi riflessa d-diversità lingwistika tal-Istati Membri u biex persuni b'ambjenti lingwistiċi differenti jitqarrbu lejn xulxin, inkluż billi jitħeġġeġ l-istudju ta' lingwi barranin miċ-ċittadini.

## **II. ĦARSIEN TAĊ-ĊITTADINI U TAL-LIBERTAJIET**

### **Ir-rispett u l-ħarsien tal-valuri komuni tal-UE: id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali**

It-tliet Presidenzi huma determinati li jippromwovu l-valuri tal-UE u li jsaħħu l-istat tad-dritt fl-Unjoni bl-ġhajna tad-diversi mekkaniżmi fis-seħħ. Dan jinkludi l-implimentazzjoni effettiva tad-djalogu fil-Kunsill dwar l-istat tad-dritt, fuq il-bażi tar-rapport annwali dwar l-istat tad-dritt, u r-regolament il-ġdid dwar reġim ġenerali ta' kundizzjonalità biex jiġi protett il-baġit tal-UE.

It-triju huwa impenjat ukoll li jsaħħaħ il-pluraliżmu tal-media u d-demokrazija Ewropea. Ser jeżamina l-proposti tal-Kummissjoni li għandhom l-għan li jħarsu l-integrità tal-elezzjonijiet, jippromwovu l-parteċipazzjoni demokratika, jiżguraw trasparenza akbar fir-reklamar politiku mħallas u jsostnu l-libertà tal-media. Ser imexxi 'l quddiem ukoll il-ħidma fuq il-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea, inkluż il-ġlieda kontra t-theddid ibridu, l-attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi u d-diżinformazzjoni, b'mod partikolari fil-proċessi elettorali. F'dan ir-rigward, ser jiżviluppa aktar riflessjonijiet kif ukoll inizjattivi konkreti, li juru s-solidarjetà bejn l-Istati Membri, u jiżgura li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji jkunu jistgħu jeżerċitaw is-setgħat legali tagħhom kemm online kif ukoll offline.

It-triju ser jinvolvi ruħu fit-tisħiħ tal-ħarsien taċ-ċittadini tal-UE li jivvjaġġaw u jirrisjedu barra minn pajjiżhom, b'mod partikolari permezz tar-reviżjoni tar-regoli dwar il-protezzjoni konsulari.

It-tliet Presidenzi ser jimpenjaw ruħhom fil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluż billi jindirizzaw it-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa, u fil-ġlieda kontra l-isterjotipi abbażi tal-ġeneru, biex l-Istrateġija tal-Unjoni dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025 issir realtà għal kulħadd. It-triju ser imexxi 'l quddiem ukoll diskussjonijiet dwar l-inizjattiva mill-Kummissjoni dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru.

Fir-rigward tal-ġlieda kontra l-forom kollha ta' diskriminazzjoni u l-promozzjoni ta' opportunitajiet indaqs, it-triju ser jagħti attenzjoni speċjali lill-istrateġija tal-UE dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025, il-pjan ta' azzjoni għall-ġlieda kontra r-razziżmu 2020-2025 u l-istrateġija dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità 2021-2030. Ser jeżamina wkoll il-ħtieġa għal aktar miżuri, kif xieraq.

Barra minn hekk, it-tliet Presidenzi ser iżidu l-azzjoni biex attivament jipprevjenu u jiġġieldu kontra l-antisemitiżmu fil-forom kollha tiegħu, billi jibnu fuq l-Istrateġija tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u s-sostenn tal-ħajja Lhudija 2021-2030.

It-tliet Presidenzi ser iżidu l-isforzi fil-livell tal-UE biex it-tfal jitħarsu aħjar, b'mod partikolari mill-faqar, l-abbuż sesswali, inkluż online, u biex jiġi żgurat li huma jgawdu drittijiet u opportunitajiet indaqs fl-aspetti kollha ta' ħajjithom.

Ser jistinkaw ukoll biex jiġi żgurat il-ħarsien effettiv tal-adulti vulnerabbli li mhumiex f'pożizzjoni li jieħdu ħsieb l-interessi tagħhom stess.

### **Migrazzjoni, Schengen, kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja**

It-tliet Presidenzi biħsiebhom isaħħu ż-żona Schengen bħala spazju ta' moviment liberu mingħajr fruntieri interni. Protezzjoni effettiva tal-fruntieri esterni, mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen imsaħħa u governanza mtejbha huma essenzjali għal dak il-għan.

It-triju ser imexxi 'l quddiem il-ħidma fuq il-Patt dwar il-migrazzjoni u l-ażil bil-ħsieb li tkompli tiġi żviluppata politika komprensiva dwar l-ażil u l-migrazzjoni li tiffunzjona b'mod sħiħ. Ser jiżgura l-mobilizzazzjoni sħiħa tal-aġenziji u l-istrumenti rilevanti kollha. Fir-rigward tad-dimensjoni interna, huwa meħtieġ ftehim imsejjes fuq bilanċ ta' responsabbiltà u solidarjetà. It-triju ser jappoġġa l-isforzi biex jiġi evitat it-telf ta' ħajjiet u tiġi żgurata l-protezzjoni internazzjonali għal dawk li jehtigħu. Ser ikompli u japprofondixxi l-kooperazzjoni tal-Unjoni mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu biex jiġu miġġielda l-migrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin, jiġu żgurati ritorni effettivi u implimentazzjoni sħiħa tal-ftehimiet u l-arranġamenti ta' riammissjoni, bl-użu tal-perswazzjoni meħtieġa.

It-tliet Presidenzi ser jagħmlu l-almu kollu tagħhom biex isaħħu s-sigurtà tal-Unjoni. B'mod partikolari, ser jiġġieldu b'mod determinat kontra l-forom kollha ta' terroriżmu, radikalizzazzjoni u estremiżmu vjolenti u jtejbu l-isforzi għal protezzjoni aħjar tal-vittmi tat-terroriżmu.

It-triju ser jiżgura s-segwitu tal-inizjattiva dwar l-estensjoni tal-lista ta' atti kriminali stabbilita mill-UE fl-Artikolu 83(1) TFUE sabiex iħejji d-deċizzjoni tal-Kunsill li tippermetti lill-Kummissjoni tressaq inizjattiva leġiżlattiva bil-għan li jiġu kriminalizzati d-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda.

It-triju ser jikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, b'mod partikolari t-traffikar tal-bnedmin, tad-drogi u tal-armi, jindirizza l-kwistjonijiet tal-ħasil tal-flus u l-irkupru tal-assi, u jmexxi 'l quddiem il-ħidma għall-prevenzjoni ta' reati kontra l-wirt kulturali u għall-ġlieda kontra reati ambjentali.

Huwa importanti wkoll f'dak ir-rigward li jiġu identifikati u sfrattati networks kriminali ta' riskju għoli attivi fl-UE u li tittejjeb is-sigurtà permezz tal-użu u l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni tal-Unjoni. L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji għandhom ikunu jistgħu jżommu u jaċċessaw id-data rilevanti sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw is-setgħat legali tagħhom biex jiġġieldu kontra l-kriminalità. It-triju għandu l-għan li jilħaq ftehim dwar il-leġiżlazzjoni li tiżgura aċċess effettiv u dirett għal evidenza elettronika għall-awtoritajiet ġudizzjarji fl-UE. B'dan il-ħsieb, it-triju ser jappoġġa wkoll ir-riċerka u l-innovazzjoni biex l-infurzar tal-liġi jingħata għodod adegwati biex tiġi miġġielda l-kriminalità b'mod effiċjenti, filwaqt li jiġi żgurat il-ħarsien tad-drittijiet fundamentali f'konformità sħiħa mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-*acquis* tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data.

Ser isaħħaħ ukoll il-ġustizzja elettronika u jappoġġa l-iżvilupp ta' skambji ta' informazzjoni diġitali bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji. Barra minn hekk, it-triju ser jaħdem fuq il-proposta għal strument legali ġdid dwar it-trasferiment ta' proċedimenti.

## **Il-ġestjoni tal-kriżijiet u l-protezzjoni ċivili**

It-tliet Presidenzi huma determinati li jżidu s-solidarjetà, it-tħejjija u l-effiċjenza tar-rispons fil-maniġġar ta' kriżijiet f'każijiet ta' diżastri naturali, dawk ikkawżati mill-bniedem u dawk tas-saħħa. Ser iqisu d-dipendenzi u l-vulnerabbiltajiet transkonfinali, ir-riskji ġodda kif ukoll l-impatti relatati mat-tibdil fil-klima, u jindirizzaw l-isfidi dejjem jiżdiedu fil-qasam tal-maniġġar tal-kriżijiet u r-reżiljenza tal-infrastrutturi kritiċi.

B'mod partikolari, it-triju huwa impenjat li jtejjeb il-livell ta' tħejjija, il-kapaċità ta' rispons u r-reżiljenza kollettivi tal-Unjoni għal kriżijiet futuri, billi jitnebbaħ mit-tagħlimiet tal-pandemija tal-COVID-19.

## **III. L-IŻVILUPP TAL-BAŻI EKONOMIKA TAGĦNA: IL-MUDELL EWROPEW GĦALL-FUTUR**

### **Niżguraw irkupru effettiv għal tkabbir ekoloġiku u sostenibbli**

It-triju jissottolinja r-rwol vitali tal-appoġġ tal-irkupru tal-ekonomiji tal-UE permezz tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali ta' rkupru u reżiljenza u ta' strumenti oħra temporanji introdotti fil-kuntest tal-kriżi kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19. L-Unjoni għandha tinvesti fit-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u b'hekk iġġedded il-bażi għal tkabbir sostenibbli u inklużiv fit-tul. Waqt li tagħmel dan, ser issaħħaħ il-koeżjoni fl-Unjoni u tikseb konverġenza 'l fuq tal-ekonomiji tagħna.

F'dan ir-rigward, it-tliet Presidenzi ser jiffukaw fuq li jiżguraw l-implimentazzjoni b'suċċess tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) u l-programm Next Generation EU (NGEU). B'mod speċjali ser imexxu 'l quddiem il-ħidma fuq il-pjan direzzjonali dwar ir-riżorsi proprji l-ġodda kif appella l-Kunsill Ewropew fil-laqgħa tiegħu tas-17-21 ta' Lulju 2020, u jiżguraw il-ġestjoni effettiva u effiċjenti tal-QFP u tal-pakkett tal-irkupru.

Barra minn hekk, it-triju huwa impenjat favur l-implimentazzjoni tas-Semestru Ewropew tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika, inkluż flimkien mal-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza adottati. Ser isegwi wkoll l-analiżi mill-Kummissjoni tal-governanza ekonomika.

Fir-rigward tal-baġit annwali tal-UE, it-tliet Presidenzi ser jiżguraw proċess ta' adozzjoni u implimentazzjoni bla xkiel, filwaqt li jippromwovu aktar titjib fil-qafas tal-prestazzjoni tal-baġit tal-UE.

### **It-tisħiħ tas-suq uniku u l-iżvilupp ta' politika industrijali assertiva, komprensiva u kkoordinata biex jitrawmu t-tkabbir u l-innovazzjoni**

It-tliet Presidenzi huma determinati li jiżviluppaw approċċ aktar integrat għas-suq uniku billi jikkollegaw il-politiki u d-dimensjonijiet rilevanti kollha. Għal dan il-għan, ser jippromwovu l-approfondiment u t-tisħiħ tas-suq uniku u tal-erba' libertajiet tiegħu, it-tneħħija tal-ostakli mhux ġustifikati li fadal, partikolarment fil-qasam tas-servizzi, u l-ħtieġa li jiġu evitati oħrajn ġodda. Barra minn hekk, ser jikkontribwixxu għat-tfassil ta' politika industrijali tal-UE tajba għall-futur, waqt li jqisu l-istrateġija industrijali aġġornata tal-Kummissjoni, u jidderieġu l-isforzi lejn l-appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali. Barra minn hekk, ser imexxu 'l quddiem il-proposta tal-Kummissjoni dwar il-pakkett tas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-Att dwar is-Swieq Diġitali) biex isaħħu suq komuni għas-servizzi diġitali u jiżguraw spazju online aktar sikur u swieq online aktar ekwi. Flimkien mal-proposta tal-Kummissjoni għal regolament ġenerali dwar is-sikurezza tal-prodotti, l-Att dwar is-Swieq Diġitali u l-Att dwar is-Servizzi Diġitali ser isaħħu wkoll is-sikurezza tal-prodotti fis-suq uniku, online u offline.

Fir-rigward tat-tfassil ta' politika industrijali ambizzjuża tajba għall-futur, it-triju jqis li jkun importanti li jiġiebb il-qafas regolatorju għall-SMEs, jitnaqqsu l-vulnerabbiltajiet minħabba d-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni minn pajjiżi terzi, l-industrija Ewropea ssir aktar sostenibbli, tirrispetta l-ambjent u ssir aktar globalment kompetittiva u reżiljenti fuq żmien medju u fit-tul, u li jiġu promossi kondizzjonijiet ekwi ta' kompetizzjoni. F'dan ir-rigward, ħadet l-impenn li timplimenta l-Istrateġija tal-UE għall-SMEs għal Ewropa sostenibbli u diġitali. Ser tesplora wkoll modi kif tiddiversifika l-ktajjen ta' produzzjoni u provvista attwali u futuri; tipproduċi lokalment, fejn xieraq; tiżgura l-ħażniet strateġiċi; u trawwem kundizzjonijiet favorevoli għall-produzzjoni u l-investiment fl-Unjoni. Filwaqt li jwettaq l-oġettivi tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima u ta' EURATOM, it-triju ser imexxi 'l quddiem ukoll il-ħidma fuq alleanzi trasparenti u inklużivi, ktajjen tal-valur strateġiċi u, fejn meħtieġ biex jingħelbu l-fallimenti tas-suq, Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI). It-triju jqis li huwa essenzjali li r-regoli tal-kompetizzjoni jiġu infurzati tajjeb fuq livell globali u jinsab determinat li jagħmel progress fuq il-proposta tal-Kummissjoni dwar is-sussidji barranin li jwasslu għal distorsjoni tas-suq intern.

Filwaqt li jiżgura l-infurzar effettiv tar-regoli tas-suq uniku u s-sorveljanza tas-suq, it-triju ser jesplora wkoll direzzjonijiet ġodda għas-suq uniku biex isaħħaħ il-kontribut tiegħu għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u jkompli jaħdem fuq ir-reviżjoni tal-qafas tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni u l-ġhajjnuna mill-Istat.

It-tliet Presidenzi ser jagħtu attenzjoni speċjali lill-iżvilupp ta' tassazzjoni ġusta u sempliċi, f'konformità mal-istandards maqbula globalment, mingħajr eżenzjonijiet mit-taxxa mhux ġustifikati; u għall-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa u l-frodi tat-taxxa. Huma jqisu li jkun importanti li l-ambjent tat-taxxa jsir aktar trasparenti u li jissaħħaħ l-iskambju ta' informazzjoni rilevanti fl-UE u lil hinn minnha. It-tisħiħ tal-Unjoni Doganali huwa prijorità importanti oħra u t-triju ser jippromwovi l-implimentazzjoni effettiva tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni Doganali.

Fl-aħħar nett, it-tliet Presidenzi ser ikunu impenjati fit-tfittxija ta' modi ġodda ta' investiment fl-akkwist, il-preservazzjoni u l-iżvilupp ta' hili li jiffaċilitaw it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u jantiċipaw il-bżonnijiet li qed jevolvu tas-suq tax-xogħol. Barra minn hekk ser ikompli jaħdmu fuq l-implimentazzjoni tal-inizjattivi li jirriżultaw mill-oqsma kollha ta' prijetà tal-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni għall-proprjetà intellettuali, sabiex il-kumpaniji tal-UE jitqiegħdu fit-triq it-tajba li twassal għall-irkupru ekonomiku u t-tmexxija ekoloġika u diġitali tal-UE flivell globali.

### **Nakkumpanjaw it-trasformazzjoni diġitali u nisfruttaw il-benefiċċji kollha tagħha**

It-tliet Presidenzi huma impenjati li jiżguraw is-sovranità diġitali tal-Unjoni b'mod awtodeterminat u miftuħ, billi jippromwovu l-kontenut kulturali u settur b'saħħtu tal-media, soluzzjonijiet industrijali affidabbli u billi jsaħħu r-reżiljenza tal-Unjoni u l-kapaċità tagħha ta' rispons fil-qasam ċibernetiku. Huma ser jappoġġaw ekosistema soda u innovattiva għan-negozji, l-eċċellenza fir-riċerka fil-qasam tat-teknoloġiji l-ġodda u d-diġitalizzazzjoni tal-SMEs. L-iżvilupp diġitali jrid jissalvagwardja l-valuri, id-drittijiet fundamentali u s-sigurtà tagħna, u jkun soċjalment ibbilanċjat.

It-trawwim tal-iżvilupp ta' teknoloġiji, inkluż is-supercomputers u l-computing kwantistiku, il-blockchain, l-Intelliġenza Artifiċjali u ċ-ċipep semikondutturi ser jgħin biex jintlaħaq dak l-għan. It-triju jqis ukoll importanti li jissaħħu l-isforzi ta' sensibilizzazzjoni internazzjonali kemm tal-Unjoni kif ukoll tal-Istati Membri bil-ħsieb li jiġu promossi l-istandards diġitali tal-UE u jiġu żviluppati regoli diġitali globali. Dan jeħtieġ kooperazzjoni mill-qrib ma' sħab tal-istess fehma, kemm bilateralment kif ukoll permezz tal-fora u l-organizzazzjonijiet rilevanti.

It-tliet Presidenzi ser iwettqu segwitu għall-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Il-Kumpass Diġitali tal-2030: l-approċċ Ewropew għad-Deċennju Diġitali" u b'mod partikolari jmexxu 'l quddiem il-ħidma fuq il-qafas regolatorju tal-UE. Din ser tinkludi l-ħidma preparatorja dwar il-ħiliet u l-edukazzjoni diġitali. Wieħed mill-oġettivi ewlenin huwa li jitjiebu l-aċċess għad-data, u t-tqassim, l-akkomunament u l-użu mill-ġdid tagħha, filwaqt li jinħolqu kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni biex jitrawmu l-innovazzjoni, il-kompetittività u d-diversità kulturali. F'dan ir-rigward, it-triju ser jiffinalizza r-reviżjoni tal-qafas regolatorju għall-pjattaformi online, sabiex jinholq spazju diġitali aktar sikur u titqawwa l-ġlieda kontra l-kontenut illegali online billi jissaħħu r-responsabbiltajiet tagħhom. Ser imexxi 'l quddiem ukoll il-ħidma fuq il-proposti tal-Kummissjoni dwar l-identità elettronika Ewropea, l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u l-Att futur dwar id-Data. Fil-qasam taċ-ċibernetika, ser javvanza l-ħidma fuq is-sigurtà tas-sistemi tan-networks u tal-informazzjoni, ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u l-għodod taċ-ċiberdiplomazija. Ser jistinka wkoll biex jittejjeb il-qafas tal-UE għall-ġestjoni ta' kriżijiet ta' ċibersigurtà u biex jiġu stabbiliti standards komuni ta' ċibersigurtà għall-prodotti.

Prijorità oħra ser tkun li jindirizza l-isfidi tat-tassazzjoni tan-negozji internazzjonali li jirriżultaw mill-globalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija. F'dan ir-rigward, it-tliet Presidenzi huma impenjati li jaħdmu fuq il-proposti li mistennija jitressqu mill-Kummissjoni, wara qbil fil-Qafas Inklużiv tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD). F'konformità mal-iskeda ta' żmien tal-implimentazzjoni tal-OECD, ser jagħmlu ħilithom biex jintlaħaq qbil dwar dawn il-proposti fil-Kunsill malajr kemm jista' jkun.

Barra minn hekk ser jinkoraġġixxu l-ħidma għas-simplifikazzjoni u l-immodernizzar tar-regoli tal-Unjoni dwar il-VAT, li jenħtieġ li jkunu adattati aħjar għat-teknoloġiji diġitali.

## **Napprofondixxu l-Unjoni Ekonomika u Monetarja, is-servizzi finanzjarji, id-dritt tal-kumpaniji u kwistjonijiet ta' governanza korporattiva**

It-triju huwa determinat li japprofondixxi l-Unjoni Ekonomika u Monetarja fid-dimensjonijiet kollha tagħha u ser isaħħaħ ir-rwol internazzjonali tal-ewro u jiżviluppa swieq finanzjarji tal-UE b'saħħithom, kompetittivi u stabbli. Ser jaħdem għall-kisba ta' settur finanzjarju diġitali aktar innovattiv, għat-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, u għall-iżvilupp tas-sostenibbiltà fil-governanza korporattiva. L-oġettiv huwa li tissaħħaħ l-awtonomija strateġika tagħna fi kwistjonijiet ekonomiċi u finanzjarji, filwaqt li tinżamm ekonomija miftuħa.

B'mod partikolari, it-tliet Presidenzi ser jikkontribwixxu għat-tlestija tal-Unjoni Bankarja u l-progress lejn Unjoni tas-Swieq Kapitali reali. Ser jappoġġaw ukoll il-ħidma fuq l-iżvilupp ta' finanzi sostenibbli, inkluż l-implimentazzjoni tal-qafas tat-tassonomija tal-UE, u sistemi ta' pagament aktar effiċjenti u reżiljenti.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-governanza korporattiva, it-triju ser jippromwovi l-istabbiliment tal-obbligi tad-diliġenza dovuta rigward id-drittijiet tal-bniedem u l-impatti ambjentali u jappoġġa l-istabbiliment ta' standards tal-UE għar-rappurtar korporattiv dwar is-sostenibbiltà sabiex jiġi promoss mudell tal-UE ta' negozju responsabbli.

## **Inżidu l-awtonomija u l-kompetittività tal-UE fis-settur tal-ispazju**

It-tliet Presidenzi jissottolinjaw l-importanza tat-tisħiħ tar-relazzjonijiet funzjonali bejn atturi ewlenin tal-UE għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-Programm Spazjali tal-UE. Huma ser jappoġġaw ir-riċerka, l-iżvilupp u l-applikazzjonijiet industrijali, jippromwovu l-programmi emblematiċi tal-UE Galileo u Copernicus madwar id-dinja, jiżviluppaw inizzjattivi ġodda possibbli, inkluż konnettività sigura bbażata fl-ispazju, u jkomplu jippromwovu l-imġiba responsabbli fl-ispazju, b'mod partikolari fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti.

## **Nappoġġaw ir-riċerka, l-edukazzjoni u ż-żgħażaġh tagħna**

It-tliet Presidenzi ser ikomplu d-diskussjonijiet dwar it-tnedija u l-implimentazzjoni taż-Żona Ewropea tar-Riċerka. Ser jikkontribwixxu għad-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika tar-riċerka u l-innovazzjoni sabiex jindirizzaw l-isfidi soċjetali u ekonomiċi eżistenti għall-ġid taċ-ċittadini tal-Unjoni. L-oġġettiv huwa li jissaħħaħ il-kuntest tal-infrastruttura tar-riċerka u l-isforz tar-riċerka (fundamentali, applikata u fixkiela) fl-Unjoni.

It-triju ser jimmira lejn aktar żvilupp taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, inkluż permezz tal-kooperazzjoni u l-iskambji tal-programm Erasmus+ u l-universitajiet Ewropej, waqt li jirrikonoxxi wkoll ir-rwol fundamentali tal-investiment ta' kwalità fl-edukazzjoni. F'dan ir-rigward, ser ikompli l-ħidma fuq l-aġenda għall-ħiliet u b'mod partikolari fuq edukazzjoni diġitali ta' suċċess, inklużiva u sikura u l-avvanz tal-ħiliet diġitali fl-edukazzjoni u t-taħriġ.

It-triju ser jappoġġa wkoll il-ħidma għall-ġid taż-żgħażaġh, itejjeb id-djalogu maż-żgħażaġh u jħeġġeġ il-parteciġazzjoni tagħhom fid-deċiżjonijiet politiċi. F'dan ir-rigward, it-triju ser jippromwovi b'mod partikolari l-attivitajiet skedati matul is-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ 2022.

Barra minn hekk, it-tliet Presidenzi ser jappoġġaw il-ħidma lejn l-irkupru tas-settur tal-isport. B'dan il-ħsieb, ser jippromwovu r-rwol tiegħu fis-soċjetà u l-qawwa li għandu biex jikkontribwixxi għal saħħa aħjar, għal benessri taċ-ċittadini u għal soċjetà aktar inklużiva.

## **Nappoġġaw l-iżvilupp tar-reġjuni**

It-tliet Presidenzi jqisu importanti li titrawwem il-konverġenza bejn l-Istati Membri u r-reġjuni tal-UE, u l-iżvilupp territorjali, permezz tal-politika ta' koeżjoni. Dan il-proċess ser jissaħħaħ bil-kontributi tas-sinerġiji u l-komplementarjetajiet tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u strumenti rilevanti oħra. Fl-istess ħin, jenħtieġ li jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi, periferali, marittimi u mal-fruntiera, taż-żoni urbani kif ukoll tar-reġjuni fi tranżizzjoni, inkluż fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

## **Insaħħu l-protezzjoni tal-konsumatur**

Bil-ħsieb li tissaħħaħ il-protezzjoni tal-konsumatur, it-tliet Presidenzi ser jippromwovu l-adattament tal-politika tal-UE dwar il-protezzjoni tal-konsumatur għall-isfidi tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali kif ukoll aktar sorveljanza effettiva tas-suq. Il-ġlieda kontra l-iffalsifikar u l-garanzija ta' aċċess ugwali għall-kwalità huma importanti f'dan ir-rigward.

## **Nagħtu prominenza lill-kultura**

It-tliet Presidenzi ser iħejju u jibdew jimplimentaw il-pjan ta' ħidma l-ġdid għall-kultura, b'enfasi partikolari fuq l-importanza tal-kultura għall-ekonomija, il-libertà artistika u l-effetti tad-diġitalizzazzjoni fuq il-kultura. F'dan ir-rigward, ser jippromwovu l-kultura u l-media bħala l-pedament tal-mudell Ewropew, u l-investimenti fil-kultura u l-wirt kulturali.

Barra minn hekk, it-triju ser jenfasizza l-importanza li tiġi żgurata remunerazzjoni ġusta għall-ħallieqa u ambjent sostenibbli għall-media indipendenti. Huwa ser jagħti segwitu b'mod partikolari għall-pjan ta' azzjoni medjatiku u awdjoviżiv.

## **Tisħiħ u promozzjoni tat-turiżmu fl-UE**

It-triju ser jagħmel l-almu kollu tiegħu biex jipprovdi kundizzjonijiet għall-irkupru tas-settur wara l-kriżi kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19, inkluż l-iżvilupp ta' forom ġodda ta' turiżmu. Ser jindirizza wkoll il-kwistjoni tas-sostenibbiltà.

#### **IV. NIBNU EWROPA B'IMPATT NEWTRALI FUQ IL-KLIMA, EKOLOĠIKA, ĠUSTA U SOĊJALI**

##### **Nibnu Ewropa b'impatt newtrali fuq il-klima u ekoloġika**

It-tliet Presidenzi huma determinati li jpoġġu lill-UE fit-triq lejn in-newtralità klimatika sal-2050 bil-ħsieb li jiżdiedu l-kompetittività ekonomika, il-ħolqien tal-impjiegi, il-benessri u s-saħħa. Ser jagħmlu dan billi javvanzaw il-pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %" f'konformità mal-għanijiet tal-ftehim ta' Pariġi, inkluż billi jkomplu bl-isforzi biex jillimitaw iż-żieda fit-temperatura għal 1.5 grad filwaqt li ħadd ma jitħalla jibqa' lura. Huma ser imexxu 'l quddiem il-ħidma fuq il-proposti leġiżlattivi relatati kollha bil-għan li jiġu konklużi n-negożjati mal-Parlament Ewropew, b'mod partikolari billi tissaħħaħ l-ETS u billi jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri kompatibbli mad-WTO biex jipprevjeni r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Dawn l-isforzi ser ikunu essenzjali biex tiżdied l-aċċettabbiltà soċjali tat-tranżizzjoni klimatika u biex tinbena soċjetà reżiljenti għall-klima.

Hija meħtieġa aktar ħidma fuq l-appoġġ għall-iżvilupp ta' enerġija b'livell baxx ta' karbonju u enerġija rinnovabbli, it-teknoloġiji kollha b'emissjonijiet baxxi, u ż-żieda fl-effiċjenza enerġetika sabiex jiġu implimentati l-oġettivi klimatiċi msaħħa tal-UE għall-2030 u n-newtralità klimatika sal-2050, b'enfasi fuq in-newtralità teknoloġika, it-trawwim tar-reżiljenza u l-innovazzjoni u l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta u enerġija bi prezzijiet affordabbli. Is-suq uniku tal-elettriku u tal-gass jeħtieġ li jitlesta, filwaqt li tiġi żgurata il-provvista sigura, sostenibbli u mingħajr distorsjoni ta' materja prima strateġika għall-Unjoni. It-triju ser isegwi l-istudji li għandhom jiġu ppreżentati dwar il-funzjonament tas-swieq tal-gass u tal-elettriku, kif ukoll is-suq tal-EU ETS. It-triju ser jappoġġa wkoll l-isforzi lejn rinnovazzjonijiet tal-bini ta' kwalità għolja bbażati fuq approċċ kosteffettiv u sostenibbli.

It-triju ser jippromwovi t-tranżizzjoni lejn ambjent ħieles mis-sustanzi tossiċi u ekonomija ċirkolari, l-iżvilupp ta' prodotti sostenibbli, kif ukoll tassazzjoni tal-prodotti tal-enerġija li tirrispetta aktar il-klima u li hija aktar trasparenti. Ser jippromwovi u jinċentiva wkoll il-bioekonomija, filwaqt li jippermetti differenzi reġjonali u lokali, bħala parti essenzjali mill-kisba tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u karatteristika ewlenija fit-trasformazzjoni għal soċjetà ħielsa mill-fjuwils fossili u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi.

It-tliet Presidenzi huma impenjati li jipproteġu n-natura u l-bijodiversità billi jirrestawraw l-ekosistemi degradati, imexxu 'l quddiem l-implimentazzjoni tal-istrateġija għall-bijodiversità tal-UE u jżidu b'mod urġenti l-isforzi ta' restawr għal ekosistemi danneġġati fil-baħar u fuq l-art. Fl-implimentazzjoni tal-istrateġija l-ġdida tal-UE għall-foresti, huma essenzjali s-sostenibbiltà u l-multifunzjonalità tal-foresti Ewropej, b'mod partikolari permezz tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, u filwaqt li jiġu rispettati kemm id-diviżjoni tal-kompetenzi kif ukoll il-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità. Huwa importanti wkoll li l-foresti barra mill-UE jiġu protetti b'mod partikolari billi titmexxa 'l quddiem il-ħidma fuq strument tal-UE ġdid iddedikat biex jiġi minimizzat ir-riskju tad-deforestazzjoni u tad-degradazzjoni tal-foresti assoċjati ma' prodotti mqiegħda fis-suq tal-UE.

It-triju ser jappoġġa t-tranżizzjoni lejn sistemi agrikoli u alimentari sostenibbli permezz tal-implimentazzjoni tal-istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" tal-UE u l-Politika Agrikola Komuni (PAK) il-ġdida filwaqt li jqis il-punti ta' tluq, iċ-ċirkostanzi u l-kundizzjonijiet differenti tal-Istati Membri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. B'mod partikolari, ser jippromwovi tnaqqis fl-użu tal-pestiċidi u l-fertilizzanti, is-saħħa u l-benessri tal-annimali, kif ukoll l-agrikoltura organika permezz ta' informazzjoni ċara u sempliċi dwar l-ikel lill-konsumaturi, biex b'hekk jiġi żgurat ikel tajjeb għas-saħħa għaċ-ċittadini tal-Unjoni. It-triju ser jippromwovi ġestjoni sostenibbli u bbilanċjata tar-riżorsi tas-sajd, b'mod partikolari fil-kuntest tar-relazzjonijiet tal-UE mar-Renju Unit. Ser jinkoraġġixxi wkoll l-iżvilupp ta' akkwakultura sostenibbli.

Barra minn hekk, it-tliet Presidenzi jafferaw mill-ġdid l-impenn tagħhom li jiżviluppaw trasport sostenibbli, sikur, intelliġenti u diġitali, il-bidla lejn mobbiltà b'emissjonijiet żero u baxxi, u sistemi tat-trasport li jsiru aktar sostenibbli, intelliġenti u reżiljenti. Dan ser jikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern u jiżgura kundizzjonijiet tax-xogħol attraenti għall-ħaddiema fis-settur. It-titjib tal-konnettività tat-trasport fl-Ewropa jibqa' prijorità wkoll.

It-triju huwa impenjat ukoll li jnaqqas l-impatt fuq il-klima tas-settur tal-konstruzzjoni u tal-proprietà immobbli billi jmexxi 'l quddiem inizjattivi ġodda fi ħdan is-settur, u li jippromwovi politika marittima integrata għall-UE. Huwa ser jappoġġa l-ħolqien ta' żona marittima Ewropea b'ambizzjoni soċjali u ambjentali għolja.

L-isforzi u l-kisbiet tal-Unjoni fil-bini ta' Ewropa newtrali għall-klima u ekoloġika ser ikomplu jkunu l-bażi għall-isforzi tagħha biex inħeġġu lis-sħab globali jsegwu l-eżempju tagħha fl-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi u l-Aġenda 2030.

### **Nibnu Ewropa ġusta u soċjali**

It-triju jqis li huwa importanti li jissaħħaħ il-mudell soċjali Ewropew. B'dan il-ħsieb, ser jiffaċilita l-implimentazzjoni ulterjuri tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, b'mod partikolari permezz ta' ħidma leġislattiva u mhux leġislattiva rilevanti li għandha titmexxa 'l quddiem fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri u permezz tas-Semestru Ewropew. Ser jippromwovi l-inklużjoni soċjali u l-konverġenza soċjali 'l fuq, filwaqt li jirrispetta bis-ših il-kompetenzi nazzjonali u l-varjetà ta' mudelli tas-suq tax-xogħol fl-Unjoni, b'mod partikolari billi jiddefendi pagi ġusti u impjiegi deċenti, dispożizzjonijiet għal introjtu minimu, u djalogu soċjali. Barra minn hekk, ser ifittex li javvanza l-iżvilupp tal-ekonomija soċjali biex jippermetti integrazzjoni aħjar ta' gruppi vulnerabbli fis-suq tax-xogħol.

It-tliet Presidenzi ser ifittxu wkoll li jiżguraw li l-Unjoni tkun mġhammra biex tindirizza l-impatti tat-tibdil demografiku. Ser jagħmlu enfasi speċjali fuq l-anzjani u l-persuni b'diżabbiltà, li d-drittijiet tagħhom u l-inklużjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà inġenerali jibqgħu essenzjali. Ser jippromwovu wkoll tixjiħ attiv u b'saħħtu kif ukoll l-aċċessibbiltà, l-affordabbiltà u l-kwalità tal-indukrar tat-tfal u tal-kura fit-tul, inkluż permezz tat-tiżiħ tal-appoġġ għal persuni li jindukraw b'mod formali u informali.

It-triju huwa impenjat li jtejjeb il-kondizzjonijiet tax-xogħol, inkluż fl-ekonomija diġitali u għall-persuni li jaħdmu permezz ta' pjattaformi. Huwa ser jieħu passi biex itejjeb is-sigurtà u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol u jindirizza l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol, inkluż permezz ta' miżuri biex titnaqqas id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa u permezz tal-promozzjoni ta' opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel biex jiġu rikoniċiljati x-xogħol, il-familja u l-ħajja privata. Ser jippromwovi modi kif il-persuni b'diżabbiltà jiġu integrati aħjar fis-suq tax-xogħol u jintuża l-potenzjal tagħhom.

Barra minn hekk, it-tliet Presidenzi ser ifittxu li jtejbu t-taħriġ, il-ħolqien tal-impjiegi u t-tranżizzjonijiet minn impjieg għall-ieħor, b'mod partikolari billi jaħtfu l-opportunitajiet ipprovduti mit-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u l-użu xieraq tal-fondi strutturali. Fid-dawl tal-isfidi eżistenti tas-suq tax-xogħol, ser tkun meħtieġa wkoll azzjoni ulterjuri biex jiġu żviluppati politiki tas-suq tax-xogħol, kif ukoll kultura ta' taġlim tul il-ħajja (inkluż ħidma lejn dritt individwali għat-taġlim tul il-ħajja), u biex jiġi miġġieled il-qgħad fost iż-żgħażaġħ, speċjalment permezz tal-mobbiltà tal-apprendisti. It-triju ser jippromwovi wkoll ħiliet diġitali u kif ukoll tax-Xjenza, it-Teknoloġija, l-Inġinerija u l-Matematika (STEM) fl-Unjoni u l-iżvilupp ta' żoni rurali u remoti.

### **Nibnu Ewropa li tiproteġi s-saħħa**

It-triju ser iżid l-isforzi fil-livell Ewropew biex jippromwovi "approċċ ta' saħħa waħda", bl-oġettiv li tiġi żgurata l-protezzjoni tas-saħħa għaċ-ċittadini tal-UE u l-kapaċità tal-UE li tirrispondi għall-isfidi tas-saħħa: mir-riċerka għall-produzzjoni u permezz ta' koordinazzjoni mtejbja fil-livell tal-UE b'reazzjoni għat-theddid transkonfinali għas-saħħa.

It-triju ser jikkonkludi n-negozjati u jappoġġja l-implimentazzjoni tal-pakkett tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa, inkluż il-proposta tal-HERA (l-Awtorità Ewropea għat-Tħejjija u għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa).

It-tliet Presidenzi ser ikompli jaħdmu biex jiżguraw id-disponibbiltà tal-vaċċini kontra l-COVID-19, l-aċċess għall-mediċini billi jiżguraw katina tal-provvista aktar robusta għall-prodotti mediċinali u jappoġġaw il-ħidma fuq it-titjib tal-leġislazzjoni fil-qasam tal-prodotti mediċinali abbażi tal-Istrateġija Farmaċewtika għall-Ewropa.

It-tliet Presidenzi ser jippromwovu t-tiżiż tal-linji politiċi dwar is-saħħa, inkluż billi jiffokaw fuq miżuri għall-prevenzjoni tal-mard u l-promozzjoni ta' ambjenti u stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa. B'mod partikolari, it-triju ser jiffoka fuq l-implimentazzjoni tal-Pjan Ewropew biex Jingħeleb il-Kanċer.

It-tliet Presidenzi ser jaħdmu fuq il-proposta tal-Kummissjoni dwar l-istabbiliment ta' Spazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa.

It-tliet Presidenzi ser jappoġġaw ukoll l-"approċċ ta' saħħa waħda" billi jinkoraġġixxu aktar miżuri biex tiġi indirizzata r-reżistenza għall-antimikrobiċi u jissaħħaħ il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi.

It-tliet Presidenzi ser jikkontribwixxu għal azzjoni multilaterali fil-qasam tas-saħħa u ser jappoġġaw l-isforzi dwar is-saħħa globali, prinċipalment mad-WHO biex issaħħaħ il-kapaċità tagħha li tittratta l-isfidi globali tas-saħħa, u aġenziji rilevanti oħra tan-NU.

## **V. IL-PROMOZZJONI TAL-INTERESSI U L-VALURI TAL-EWROPA FID-DINJA**

It-tliet Presidenzi jibqgħu impenjati li jimplimentaw l-Aġenda Strateġika 2019-2024 billi jsegwu kors ta' azzjoni aktar strateġiku u jżidu l-kapaċità tal-UE li taġixxi b'mod awtonomu biex tissalvagwardja l-interessi tagħha, tħares il-valuri u l-istil ta' ħajja tagħha, u tgħin biex jissawwar il-futur globali. L-UE ser tibqa' forza li tippromwovi l-multilateraliżmu u l-ordni internazzjonali globali bbażat fuq ir-regoli, filwaqt li tiżgura t-trasparenza u l-ekwità u r-riformi meħtieġa. Ser tappoġġa lin-NU u organizzazzjonijiet multilaterali ewlenin.

F'dinja instabbli u li qed tinbidel malajr, it-triju ser ifittex unità politika u mobilizzazzjoni tal-istrumenti tal-UE, f'bidma b'appoġġ għar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni.

### **Id-difiża u l-promozzjoni tal-multilateraliżmu u r-rispons għal sfidi ewlenin u kriżijiet internazzjonali**

It-triju jafferma mill-ġdid l-impenn sod tiegħu li jippromwovi l-multilateraliżmu u ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli li fil-qalba tiegħu jkollu d-dritt internazzjonali u n-NU. Ser jaħdem biex isaħħaħ l-influwenza tal-Unjoni fis-sistema multilaterali biex il-valuri u l-interessi tagħna jiġu difiżi u promossi aħjar.

Ser jippromwovi b'mod attiv ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt. Il-promozzjoni tad-diversità, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, it-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem kollha min-nisa u l-bniet, kif ukoll it-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet, ser ikunu prijorità fl-azzjoni esterna kollha. It-tliet Presidenzi ser jistinkaw għall-implimentazzjoni sħiħa tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija u l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ġeneru (GAP) III, u jużaw l-għodod rilevanti kollha, inkluż ir-reġim ta' sanzjonijiet globali tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem. Huma ser jippromwovu wkoll b'mod attiv ir-rispett għas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi u jimplimentaw bis-sħiħ l-aġenda dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà.

It-tisħiħ tal-kapaċità tal-UE li tappoġġa s-soċjetà ċivili, il-media indipendenti u atturi mhux governattivi oħra f'pajjiżi terzi wkoll għadu prijorità ewlenija. It-triju ser isaħħaħ il-kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa u l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE) f'dan il-qasam.

It-tliet Presidenzi ser jiżguraw li l-Unjoni jkollha rwol ewlieni fir-rispons għall-isfidi globali, u jagħtu attenzjoni speċjali biex jiżviluppaw aktar l-approċċ "Tim Ewropa". Emerġenzi, bħal pereżempju pandemiji, joħlqu sfidi ġodda. It-triju ser jippromwovi r-reżiljenza tal-UE permezz tas-solidarjetà globali, u kontribut sinifikanti tal-UE għall-irkupru globali u l-kondiviżjoni tal-vaċċini.

Id-diplomazija dwar il-klima ser tkun karatteristika ċentrali tal-politika barranija u punt permanenti fuq l-aġenda tas-summits ewlenin kollha. It-triju ser iżomm ukoll il-prijorità mogħtija mill-UE fil-fora internazzjonali għall-iżvilupp sostenibbli, b'mod partikolari fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku.

Jeħtieġ ukoll li l-UE tagħti aktar attenzjoni għall-mod kif it-teknoloġija taffettwa post l-Ewropa fid-dinja u għal kif tista' żżomm kapaċità teknoloġika u xjentifika li tkun biżżejjed biex tħares l-awtonomija tagħha. It-triju ser jippromwovi t-tmexxija mill-UE fl-iffissar tal-istandards, speċjalment fil-qasam tat-teknoloġiji emerġenti.

It-triju ser jappoġġa ż-żieda fil-kapaċità tal-UE u tal-Istati Membri li jinvolvu ruħhom fid-diplomazija pubblika u l-komunikazzjoni strateġika, il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza ostili, tiġi minn fejn tiġi.

Barra minn hekk, it-triju ser jinkoraġġixxi l-ħidma fuq it-tisħiħ tal-implimentazzjoni u l-effettività tal-miżuri restrittivi tal-UE inkluż billi jiġi żgurat li ċ-ċittadini u l-kumpaniji tal-UE jkunu protetti kontra l-applikazzjoni ta' miżuri ostili u koerċittivi ta' pajjiżi terzi.

Barra minn hekk, l-UE ser tindirizza kriżijiet u tensjonijiet internazzjonali permezz ta' approċċ komprensiv. Ser tissorvelja mill-qrib l-iżviluppi internazzjonali u tinvolvi ruħha b'mod attiv, inkluż permezz ta' sforzi diplomatiċi.

## **Kummerċ**

Il-kummerċ jibqa' wieħed mill-iktar xpruni b'saħħithom għat-tkabbir, li jappoġġa miljuni ta' impjiegi u jikkontribwixxi għall-prosperità. It-tliet Presidenzi jixtiequ jikkontribwixxu biex isawru s-sistema l-ġdida ta' governanza ekonomika globali bbażata fuq aġenda ta' kummerċ ħieles ambizzjuża u bbilanċjata li jkollha d-WTO fil-qalba tagħha, ikkomplementata minn aġenda kummerċjali bilaterali, filwaqt li jħarsu l-Unjoni Ewropea minn prattiki inġusti u abużivi u jiżguraw reċiproċità.

It-tliet Presidenzi ser jippromwovu politika kummerċjali tal-Unjoni li tkun robusta, f'konformità mal-Aġenda 2030 u l-Ftehim ta' Pariġi, filwaqt li jfakkru li l-Kummissjoni ppreżentat Rieżami tal-Politika Kummerċjali f'dan ir-rigward. F'dan ir-rigward, l-appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali tal-UE u l-promozzjoni ta' ktajjen tal-valur aktar reżiljenti, diversifikati u akkontabbli jibqgħu prijoritajiet ewlenin.

Barra minn hekk, it-triju ser jistinka biex jikkontribwixxi għar-riforma tad-WTO fid-diversi komponenti tagħha u jsaħħaħ il-konformità mar-regoli kummerċjali multilaterali. Dan ser jiżviluppa sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku li ser jgħinu biex jintlaħqu l-oġettivi ekonomiċi u ta' sostenibbiltà tal-UE. Ser jaħdem biex jiżgura l-implimentazzjoni effiċjenti u l-infurzar attiv tal-ftehimiet kummerċjali eżistenti mas-sħab tagħna. Ser jippromwovi wkoll kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni billi jiżviluppa l-istrumenti awtonomi tal-UE, bħall-Istrument għal Akkwist Internazzjonali jew il-kontroll ta' sussidji barranin fis-suq uniku.

### **Ir-relazzjonijiet mas-sħab**

Biex tilħaq l-oġettivi tagħha, jeħtieġ li l-UE taħdem ma' daww kollha li jaqblu magħhom, inkluż is-sħab strateġiċi u sħab tal-istess fehma. F'dan ir-rigward, it-tliet Presidenzi jafferaw mill-ġdid l-impenn tagħhom li jiżviluppaw ir-relazzjonijiet tal-Unjoni fid-dawl tal-valuri, il-prinċipji u l-interessi tagħha.

### ***Il-viċinat tal-UE***

It-triju ser jimplimenta approċċ strateġiku b' rabta mal-Balkani tal-Punent. Ser jagħti attenzjoni għall-progress fl-integrazzjoni ekonomika fost il-pajjiżi nfushom, l-irkupru, kif ukoll it-tkomplija taż-żamma tas-sigurtà mill-UE. Ser ikompli l-proċess tal-adeżjoni f'konformità mal-metodoloġija msaħħa tat-tkabbir, billi joffri appoġġ għal riformi profondi u trasformattivi f'oqsma ewlenin bħall-istat tad-dritt, l-istituzzjonijiet demokratiċi, il-media ħielsa u l-ekonomija. It-triju ser ifittex li jagħti nifs ġdid u jsaħħaħ id-djalogu politiku regolari mar-reġjun. Fl-2022 ser isir summit bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent.

It-triju ser iġedded, isahha u jiżviluppa aktar is-sħubija strateġika mal-Viċinat tan-Nofsinhar. It-triju ser jappoġġa l-implimentazzjoni tal-impenji meħuda fis-Summit tas-Sħubija tal-Lvant tal-2021, u l-aġendi ta' riforma tal-pajjiżi sħab, kif imsemmija fil-ftehimiet rispettivi tagħhom mal-UE.

L-UE għandha interess strateġiku f'ambjent stabbli u sigur fil-Lvant tal-Mediterran, u għandha l-għan li tikseb relazzjoni ta' kooperazzjoni u ta' benefiċċju reċiproku mat-Turkija, abbażi tal-qafas deċiż mill-Kunsill Ewropew.

It-triju ser jappoġġa l-implimentazzjoni tal-ħames prinċipji gwida biex jitmexxew ir-relazzjonijiet mar-Russja, f'konformita' mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2021.

It-tliet Presidenzi ser jippromwovu l-kooperazzjoni permezz tal-OSKE biex jissaħħu s-sigurtà u l-istabbiltà fl-Ewropa, u b'hekk jisfruttaw b'mod sħiħ il-potenzjal tagħha.

Ser titkompla l-kooperazzjoni mal-pajjiżi taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE)/tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) (l-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja) dwar il-kwistjonijiet kollha ta' interess reċiproku. L-għan tat-triju huwa wkoll li jsir progress sostanzjali bil-ħsieb li jiġu konklużi n-negozjati dwar ftehim ta' assoċjazzjoni ma' Andorra, Monaco u San Marino. Ser issegwi wkoll ir-rivalutazzjoni li għaddejja bħalissa tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Iżvizzera.

It-triju ser jibqa' vigilantanti fuq l-implimentazzjoni sħiħa tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni (TCA) bejn l-UE u r-Renju Unit u l-Ftehim dwar il-Ħruġ. Ser imexxi 'l quddiem il-ħidma fuq il-proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni fir-rigward tal-modalitajiet interni tal-Unjoni biex jiġu adattati l-miżuri awtonomi previsti bil-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.

### ***L-Afrika***

It-triju jafferma mill-ġdid il-ħtieġa li jiġu żviluppati sħubijiet komprensivi u ta' benefiċċju reċiproku mal-Afrika.

Is-Summit bejn l-UE u l-Unjoni Afrikana (UA) ta' Frar 2022 ser ikollu l-għan li jgħedded u japprofondixxi s-sħubija sabiex tiġi żviluppata b'mod konġunt żona ta' solidarjetà, sigurtà u prosperità li tlaqqa' flimkien it-territorji, il-popolazzjonijiet u l-organizzazzjonijiet taż-żewġ kontinenti. Abbażi tal-promozzjoni tal-valuri kondiviżi, il-prijoritajiet ewlenin jinkludu s-sigurtà u l-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża kif ukoll l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli u inklużiv, inkluż l-irkupru mill-pandemija tal-COVID-19. B'mod partikolari, it-triju huwa impenjat li jimplimenta l-istrateġija bejn l-UE u s-Saħel u l-istrateġija tal-UE għall-Qarn tal-Afrika.

### ***Il-Kontinent Amerikan***

It-triju ser jappoġġa sħubija strateġika fit-tul b'saħħitha u ta' benefiċċju reċiproku mal-Istati Uniti, skont il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7 ta' Diċembru 2020 u jimplimenta l-Aġenda Transatlantika Konġunta mal-Istati Uniti li rriżultat mis-Summit bejn l-UE u l-Istati Uniti fil-15 ta' Ġunju 2021, inkluż fil-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija (TTC). It-triju ser ikompli japprofondixxi wkoll is-sħubija strateġika mal-Kanada.

It-triju ser jappoġġa r-relazzjonijiet mal-Amerka Latina u l-Karibew permezz tal-involviment flivell għoli tal-UE, u involviment ma' organizzazzjonijiet subreġionali, kif ukoll ma' sħab strateġiċi u sħab oħra.

### ***L-Asja u l-Paċifiku***

It-triju ser jiżgura l-implimentazzjoni tal-approċċ multidimensjonali approvat mill-Kunsill Ewropew fir-rigward tar-relazzjonijiet ma' Ċina, b'attenzjoni għaż-żamma tal-unità tal-UE.

Fir-rigward tar-relazzjonijiet tal-UE mal-Indja, ser tappoġġa l-implimentazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-UE u l-Indja tat-8 ta' Mejju 2021, u b'mod partikolari t-tnedija mill-ġdid mill-Kummissjoni ta' negozjati għal ftehimiet ambizzjużi dwar il-kummerċ, il-protezzjoni tal-investiment u l-indikazzjonijiet ġeografiċi.

It-triju ser jappoġġa wkoll l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-Kooperazzjoni fl-Indo-Paċifiku, b'segwitu għall-konklużjonijiet tal-Kunsill u l-Komunikazzjoni Konġunta ppubblikata fis-16 ta' Settembru 2021 mill-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli, b'mod partikolari fl-oqsma tad-drittijiet tal-bniedem, l-iżvilupp sostenibbli u l-konnettività, is-sigurtà u d-difiża, u l-ktajjen tal-provvista. It-triju ser ikompli japprofondixxi wkoll l-involvement ma' pajjiżi tal-istess fehma.

Fl-okkażjoni tal-45 anniversarju tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN), qed jiġi ppjanat Summit kommemorattiv u inawgurati bejn l-UE u l-ASEAN. It-triju ser jappoġġa wkoll id-djalogu u l-kooperazzjoni permezz tal-Laqgħa bejn l-Asja u l-Ewropa (ASEM).

## **Il-konnettività**

It-triju ser jappoġġa l-approċċ strateġiku tal-UE għall-konnettività b'mod globali, abbażi tal-Istrateġija dwar il-Konnettività tal-Portal Globali.

## **L-iżvilupp u l-għajnuna umanitarja**

It-triju għandu l-ħsieb li jsaħħaħ is-sħubijiet internazzjonali għall-iżvilupp, permezz tal-implimentazzjoni tal-Strument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI-Ewropa Globali) u t-tisħiħ tal-arkitettura finanzjarja Ewropea għall-iżvilupp. Ser jiffoka b'mod partikolari fuq l-irkupru globali ekoloġiku u inklużiv, l-indirizzar tal-konsegwenzi tal-COVID-19, u fuq iż-żieda tar-reżiljenza u l-investiment fl-iżvilupp uman.

It-triju ser jaċċellera l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u s-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tagħha, bl-użu ta' approċċ Tim Ewropa fejn ikun xieraq. It-triju ser jistinka biex isaħħaħ ir-rabta bejn l-attivitajiet ta' stabbilizzazzjoni, ta' żvilupp u dawk umanitarji.

It-tisħiħ ta' kooperazzjoni effettiva għall-iżvilupp ser jibqa' prijorità ewlenija, b'enfasi speċjali fuq il-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

Fil-qasam tal-għajnuna umanitarja, it-tliet Presidenzi ser jippromwovu r-rwol ewlieni tal-Unjoni u jsaħħu l-isforzi biex imexxu 'l quddiem azzjoni effiċjenti li tkun imsejsa fuq il-prinċipji.

### **Is-sigurtà u d-difiża**

It-triju jafferma mill-ġdid li, fid-dawl ta' żieda fl-instabbiltà globali, jeħtieġ li l-UE terfa' aktar responsabbiltà għas-sigurtà tagħha.

It-tliet Presidenzi għandhom l-għan li sa Marzu 2022 japprovaw "Boxxla Strateġika" kuraġġuża u li tista' titwettaq biex tissaħħa u tiġi ggwidata l-implimentazzjoni ulterjuri tal-livell ta' ambizzjoni tal-UE fis-sigurtà u d-difiża fir-rigward tal-ġestjoni tal-kriżijiet, ir-reżiljenza, il-kapaċitajiet u s-sħubiji. Ser jistinkaw biex jiżguraw l-implimentazzjoni tal-"Boxxla Strateġika" u r-riżultati tanġibbli tagħha skont l-iskeda ta' żmien maqbula.

It-triju huwa impenjat li jsahha il-PSDK bil-għan li jinżamm ir-rwol tal-UE bħala attur responsabbli, kapaċi u affidabbli u sieħeb globali għall-paċi u s-sigurtà.

It-tliet Presidenzi ser jappoġġaw missjonijiet u operazzjonijiet Ewropej reattivi, robusti u flessibbli u kooperazzjoni u koordinazzjoni aktar mill-qrib kif ukoll l-iżvilupp ta' rabtiet bejn l-impenji operazzjonali tal-Istati Membri u l-missjonijiet u l-operazzjonijiet ċivili u militari tal-PSDK. It-triju ser jiżgura l-implimentazzjoni robusta tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF), f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Marzu 2021.

It-triju huwa impenjat li jrawwem sħubijiet fl-oqsma tas-sigurtà u d-difiża ma' organizzazzjonijiet sħab internazzjonali u reġjonali, b'mod partikolari bil-ħsieb li tissaħħa il-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO u li tittejjeb il-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NU abbażi ta' oqfsa maqbula, u biex jiġu żviluppati aktar ir-relazzjonijiet bilaterali mal-pajjiżi sħab, abbażi ta' approċċ aktar strateġiku u mfassal apposta. Fir-rigward tal-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO, it-triju jibqa' impenjat bis-sħiħ għall-implimentazzjoni tad-dikjarazzjonijiet konġunti relatati.

It-tliet Presidenzi ser ikompli jaħdmu għall-implimentazzjoni sħiħa tal-Patt dwar id-dimensjoni ċivili tal-PSDK sal-bidu tas-sajf tal-2023 u biex iwittu t-triq għal PSDK ċivili u ambizzjuża li tkompli fis-snin li ġejjin.

Barra minn hekk, it-triju ser jippromwovi koerenza aħjar bejn l-inizjattivi tad-difiża tal-UE: il-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO), ir-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża (CARD) u l-Fond Ewropew għad-Difiża l-ġdid. Dawn l-inizjattivi għandhom jiġu implimentati wkoll bl-oġettiv li jiġu indirizzati n-nuqqasijiet kritiċi fil-kapaċità u d-dipendenzi strateġiċi, b'mod partikolari fir-rigward tat-teknoloġiji emerġenti u fixkiela u l-ktajjen tal-valur kritiċi. Dan ser iwitti t-triq għal bażi teknoloġika u industrijali msaħħa tad-difiża Ewropea.

Ser tkun meħtieġa wkoll aktar ħidma għat-tisħiħ tar-reżiljenza tal-Unjoni u tal-Istati Membri kif ukoll il-kapaċità tagħhom li jiġġieldu t-theddid ibridu, inkluż id-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni. It-triju ser imexxi 'l quddiem il-ħidma li tinsab għaddejja dwar l-iżvilupp ta' sett ta' għodod kontra theddid ibridu.

Barra minn hekk, l-iżgurar tal-aċċess tal-Unjoni għall-beni komuni globali (inkluż l-ispazju, iċ-ċiberspazju, il-qasam tal-ajru u l-ibħra internazzjonali), li jinkludi aktar riflessjonijiet strateġiċi dwar id-dimensjonijiet tal-ispazju u tas-sigurtà u d-difiża tal-UE, u mobbiltà militari mtejba madwar l-Unjoni jibqgħu prijoritajiet importanti. It-triju ser ifittex ukoll li jsaħħaħ il-kontribut tal-UE għas-sigurtà marittima, b'mod partikolari permezz tal-aġġornament tal-istrateġija tal-UE, kif ukoll l-iżvilupp ulterjuri tal-kunċett tal-Preżenzi Marittimi Koordinati u l-kooperazzjoni mal-istati kostali.